KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tal-45 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 15 ta' Frar, 2016 u li bdiet fit-3.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| **Uffiċċjali:** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | (kien assenti) |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-laqgħa *live streamed online* tal-lum ser jarah s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Dr Stefan Buontempo mill-uffiċċju tiegħu.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 44 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Rapport ta' kull kwart Ott – Diċ 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-rapport ta' kull kwart għal Ottubru - Diċembru 2015, dan kien iċċirkulat permezz ta' imejl minn qabel din il-laqgħa għal approvazzjoni tiegħu. Dan ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Rapport Finanzjarju Annwali 2015

Ġie ppreżentat lill-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2015 fejn jidher li l-Kunsill għandu żbilanċ ta' €10,546. Għal din il-laqgħa attendiet l-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Pauliana

Said fejn spjegat minn fejn ħareġ dan id-defisit. Din nfurmat lill-Kunsill li din is-sena l-Kunsill kellhu żewġ multi minn fuq il-proġett Tal-Ġnien tal-Bidwi b'Miżura 313 (l-ewwel sejħa) bl-ammont ta' €3907.37 u mill-proġett tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ l'fuq minn Triq il-Pinnur minn Miżura 323 bl-ammont ta' €2391.55 li flimkien kien jammonta għal €6298.89ċ. Għal dawn il-multi l-Kunsill ma kienx preparat għalihom peress li rċieva dan fl-aħħar kwart tas-sena. Is-Sindku semmha li l-Kunsill għandu jiġi rimburżat mingħand Xerri Garden's Center l-ammont ta' €3066 għal qsari tal-Pjazzetta tax-Xelina peress li dawn tħallsu mill-Kunsill u mill-fondi addizjonali minn Miżura 313 (it-tieni sejħa). Is-Sindku qal li għalkemm din is-sena l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali hi s-somma ta' €217,510 u li għal din is-sena żdiedet mis-sena preċedenti l-ammont ta' €6577, hu qal li xorta hemm il-ħtieġa li l-allokazzjoni tiżdied biex il-Kunsill ikun jista jwettaq ix-xogħolijiet u għal ċerti proġetti. Is-Sinkdu kompla jgħid li matul is-sena 2015 il-Kunsill ħadem bla waqfien.

Wara li dan ir-rapport ġie moqri u spjeġat fid-dettal mill-Accountant, dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill biex jintbgħat fil-ħin lill-Awdituri, lill-Awditur Ġenerali u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill, biex is-Segretarju jieħu nota biex fl-Estimi Annwali għal din is-sena 2016 għandhom jiġu stmati l-parti ta' l-istorm water culvert fi Triq tal-Gruwa, t-tkomplija ta' xogħolijiet fil-playing field ta' Triq Marziena, tarmak fi Triq Skerla u Triq il-Kalati.

## 4. Ambaxxatur Lokali għaż-żgħażagħ

Wara li l-Kunsill kien qassam l-avviż mall-Bullettin tal-Parroċċa għal sejħa ta' Ambaxxatur Vot 16 bejn l-eta' ta' 16 u 18 –il sena, biex il-Kunsill Lokali jkollu wkoll il-vuċi taż-Żgħażagħ, is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li kien irċieva applikazzjoni waħda biss. Din l-applikazzjoni kienet tas-Sinjorina Kasy Mercieca. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Eric Gauci, l-ambaxxatur għaż-żgħazagħ għal ħidma li kellhu kemm dam iservi bħala Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat u li f'dan ix-xahar ser jgħalaq it-18 il-sena, hu awguralu futur sabiħ. Il-Kunsill b'mod unanimu aċċeta t-talba li saret mis-Sinjorina Mercieca u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinfurmaha b'dan.

## 5. Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat 2016

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Jum Sannat din is-sena għandu jiġi ċċelebrat l-għada, nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2016. Hu ssuġġerixxa biex bħas-sena l-oħra jsir kunċert Mużikali mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita fejn għall-ewwel darba ser jindaqq l-Innu Ta' Sannat li ġie rregalat minn Mons. Anton Mizzi. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan l-innu dakinhar għandu jitkanta mis-Sopran Georgina Gauci. Dwar il-post, il-Kunsill għadu ma jafx fejn ser isir eżatt jekk hux f'xi sala jew barra fl-apert. Waqt din is-serata għandu jingħata l-Premju Ġieh Sannat. Is-Segretarju Eżekuttiv talab biex jinħatar bord tal-evalwazzjoni għall-applikazzjonijiet tan-nominazzjonijiet tal-Premju Ġieħ Sannat 2016. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kumitat ikun kompost minn tlett membri mill-Kunsill stess u talab lill-Viċi Sindku, lill-Kunsilliera Maria Cassar Sultana u lill-Kunsillier Joseph Bajada biex ikunu huma l-membri tal-aġġudikazzjoni. Il-Kunsillieri preżenti aċċettaw. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana talbet li f'każ li jkun hemm minn jiġi minnu minn dawk nominati għandu jirrifjuta u li l-Kunsill isib

sostitut. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet għandhom jgħalqu sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 4 ta' April 2016 f'nofsinhar.

## 6. Inawgurazzjoni tal-Proġett tal-Pjazzetta tax-Xelina u Storm Water Culvert

Is-Sindku qal lill-Kunsill li ssa li x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazzetta tax-Xelina u l-kanali tal-ilma tax-xita hu lest minn kollox, wasal iż-żmien li dan il-proġett kif jixraq jiġi nawgurat u li jkun xieraq li jiġi mistieden l-Onor. Dr Ian Borg Segretarju Parlamentari għall-Presidenza tal-UE 2017 u l-Fondi tal-UE biex dan flimkien mal-Kunsill jinawgurah. Dan l-avveniment għandu jsir nhar is-Sibt 5 ta' Marzu 2016, fis-7.00 p.m. Għadhom jiġu mistiedna r-residenti kollha tal-lokal, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Dr Stefan Buontempo, l-Ministru għal Għawdex l-Onor. Dr Anton Refalo, s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Justyne Caruana, l-Membri Parlamentari Għawdxin, s-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli rispettivi tagħhom. Il-Viċi Sindku qalet li din il-Pjazzetta fil-ħamsinijiet kienet waħda attiva ħafna bejn it-tlett taverni li kienu jinstabu f'din il-pjazzetta u fosthom in-nanna tagħha Giużeppa Debrincat fejn din kienet tħaddem madwar 800 u 1000 persuna fil-qasam tal-biżżila u li din kienet tħallashom permezz ta' flus, bjankerija u anke deheb. Hi qalet ukoll li fis-sena 1951 il-Principessa llum ir-Regina Elizabetta II żaret din il-pjazzetta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan l-avveniment li kien sar meta ġie l-Prinċipessa Eliżabetta hemm interpretation panel fuq din il-ġrajja. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandhom jiġu mistiedna l-gruppi folkloristiċi Ta' Saguna Folk Group u Sinnet Folk Group biex bl-ilbies u d-daqq tagħhom jgħatu idea ta' dik l-epoka. Għandu jinkera PA system għal waqt din l-attivita'.

## 7. Materji oħra

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar Storm Water Culvert fi Triq tal-Gruwa, li wara diversi laqgħat li saru mad-DLG, il-Kunsill ġie mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex isir ftehim mall-Ministeru għal Għawdex flimkien mall-W.S.C. biex dan il-culvert isir u jintużaw l-istess rati tal-offerta mixħuta mill-istess Kuntrattur li għamel ix-xogħolijiet tal-pipe line mill-Qala għal ġibjun il-kbir Ta' Ċenċ. Hu qal li għad fadal biss il-parti ta fuq ta' Triq tal-Gruwa minn Triq Ta' Ċenċ fejn għandu jsir dan il-water culvert. Il-Kunsill ser ikollu joħroġ is-somma ta' €20000.00 għal dan il-proġett. Is-Sindku qal li hu dejjem saħaq biex jipprova jigwadanja biex dan isir meta dan il-culvert huwa responsabilta' kollha tal-Kunsill. L-ispiża għal dan il-culvert hi stmata €51,434.90c. Dawn ser jinqasmu billi l-MGOZ ser joħroġ €16653.90 u l-W.S.C. €14781 u €20000 mill-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv ġa nforma lill-kuntrattur ta' dan ix-xogħol Gatt Tarmac Ltd li l-Kunsill għandu jżomm ma dan l-ammont u l-Kuntrattur wieġeb li hu għadu ma ingħatax il-valur korretta. Barra minn hekk l-kuntrattur qal, li huwa diffiċli ħafna li tkun taf jekk hux se jkun hemm varjazzjonijiet qabel jinbeda ix-xogħol.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara laqgħat li saru apposta mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mall-kumpanija Vodafone fejn qed issir trinka minn Triq Skerla, Triq Ta' Ċenċ, Pjazza Santa Margerita, Triq Sannat u Triq ix-Xewkija fejn il-kumpanija qeda tgħaddi cable minn Ta' Ċenċ. Is-Sindku qal li qed jisħaqq biex ir-resurfacing ta din it-trinka fi Triq Ta' Ċenċ kif mitlub dan jingħata kollu fi Triq Skerla peress li Triq Ta' Ċenċ ser tingħata kollha mill-MGOZ. Il-Kumpanja Vodafone lesta li tgħamel dan jekk dejjem ikollha bil-miktub mill-MGOZ u Transport Malta. Għalhekk għandha tiġi mkejla din it-trinka mill-

Perit tal-Kunsill u l-kumpanija Vodafone fi Triq Ta' Ċenċ biex dan it-tarmak jingħata kollu fi Triq Skerla li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill irid joħroġ sejħa biex jingħata il-kumplament ta' din it-Triq. Għalhekk il-Perit tal-Kunsill għandu jgħati stima ta' kemm ser tiġi tiswa biex il-Kunsill ikun jista joħroġ l-offerta.

3. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmaw lill-Kunsill li kellhom laqgħa apposta ma' MEUSAC għal għajnuna biex il-Kunsill ikun jista jerġa japplika għal fondi europej biex delegazzjoni minn Montefiascone jżuruna f'Ta' Sannat f'Lulju li ġej. Din l-applikazzjoni ser tgħalaq fl-1 ta' Marzu 2016. Il-Kunsill qabel li japplika għal dawn il-fondi.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-prorpjetarji tal-Hotel Ta' Ċenċ talbu li ssir public hearing kif mitlub minnhom mill-MEPA nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2016, fil-5.00 p.m. fis-sala tal-Kunsill, dwar l-applikazzjoni tal-proġett li għandhom għand il-MEPA bin-numru PA 5277/96 (To develope Ta' Ċenċ area into Malta's first 'Heritage Park' and "Multi-ownership tourist hotel development', at Ta' Ċenċ, Sannat, Gozo. Dawn ġabu l-uffiċċju tal-Kunsill, 5 kopji ta dokumenti bl-isem Environmental Impact Statement – Addendum fuq dan l-iżvilupp għal pubbliku biex wieħed ikun jista jarahom. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana ssuġġeriet li b'dan il-public hearing għandhom ikunu nfurmati r-residenti Ta' Sannat permezz ta' avviż f'kull dar meta dan l-iżvillup ser isir f'dan il-lokal. Il-Kunsill qabel li jsir dan. Is-Sindku qal li hu qed jiġi avviċinat mill-media dwar dan l-iżvillup u hu qed iwieġeb li hu għadu mhux f'pozizzjoni li jikkumenta qabel isir dan il-public hearing.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li saret applikazzjoni għand il-MEPA b'Nru PA00839/07 To erect level -2 garages, 1 maisonette at ground floor, 20 apartments and 5 appartments at receeded floor, site at 178, Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-MEPA għaliex fi Triq il-Kbira ġa hemm problema kbira ta' parkeġġ u b'dan l-iżvillup ser jiżdied ħafna aktar. Is-Sindku nforma li hu ser jgħamel laqgħa ma Transport Malta biex jitkellem fuq din il-problema tal-parkeġġ f'din it-triq.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand id-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern fejn qed jistaqsi jekk il-Kunsill għadx għandu l-intenzjoni għal proġett meta lura fl-2002 kienet saret talba għal devoluzzjoni ta' parti minn raba' f'Ta' Marziena, Triq it-28 t'April 1688 biex isir ġnien pubbliku. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jindaga aktar dwar din id-devoluzzjoni.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret talba ta' €350 lill-Kunsilli Lokali permezz ta' ittra mill-Gozo Horse Racing Association biex issiru tiġrijiet taż-żwiemel fil-korsa tax-xħajma – Heats u Finali tat-Tazza tal-Kunsilli biex b'hekk il-Kunsill ikun qed jgħin lil dawk dilettanti minn kull lokalita'. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsilli biex jorganizzaw laqgħat ta nformazzjoni għall-Għaqdiet volontarji ġewwa kull lokal. B'dan il-Kunsill qed jiġi mitlub post fejn din il-laqgħa tista ssir. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u se jipprovdi s-sala tal-Kunsill għal dawn il-laqgħat.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija S.S. Lifts Ltd. meta ġie biex jgħati service lill-lift tal-Kunsill qal li kien mar l-speaker/microphone module u li dan ma għadux jopera u talab biex jiġi mibdul. Il-Kunsill qabel li dan għandu jinbidel.

10. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-fanali fi Triq 28 ta' April 1688 nofshom ilhom mitfija. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa apposta mall-Kuntrattur Galea Curmi Engineering Consultant dwar dan biex jiġi u jispjega x'inhi l-ħsara ta dawn.

11. Is-Sindku qal li dwar il-cameras fl-entraturi tar-raħal minn Triq Sannat, Triq tal-Gruwa u Triq il-Kalkara tal-Ġir għandha toħroġ offerta peress li meta s-Segretarju ndaga fuq din il-materja nqabeż l-ammont tal-kwotazzjoni. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jqabbad lill-Kuntrattur Galea Curmi Engineering biex jaħdem fuq l-ispeċifikazzjonijiet għal din l-offerta.

12. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntalbet kwotazzjoni mingħand is-Sur Clive Refalo (Graphic Designer) biex isir Visual Art Impression ta kif il-Kunsill jixtieq li tkun il-Pjazza Santa Margerita dejjem suġġett għal fondi. Dan biex il-Kunsill ikun jista jurieħ lir-residenti tal-lokal f'laqgħa apposta. Il-Prezz hu: Fażi A: Presentation / Still Visual €1160 u għal Fazi B: Walkthrough: 30 seconds video clip €985. Il-Kunsill qabel ma dan u għal issa għandu jinħaddem Phase A u l-quddiem jinħadem Phase B.

13. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ġibja li tinsab fil-Ġnien tal-Bidwi għandha bżonn li titnaddaf u l-pompa tiġi mnaddfa wkoll. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-SE qal li skond it-technician qallu li hemm bżonn ta' wire rope ġdid tal-pompa u li din tinqafel. Is-SE qal li dan il-ġnien irid jinħarat u li s-siġar jissaqqew peress li din is-sena ma għamlitx xita. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol tat-tindif f'dan il-ġnien qed isir mill-Ħaddiema tal-Community Work Scheme.

14. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li hu ordna fanal ġdid fil-belveder ta' Triq Skerla flok dak li kien hemm meta dan instab miksur biex jevita kull periklu.

15. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva diversi llmenti dwar li hemm bzonn li jsir żbir ta' siġra tat-tin fi Triq Marsilja li tinsab il-barra mill-ħajt fil-baxx u wieħed ma jistax jgħaddi minn fuq il-bankina. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jsir dan ix-xogħol meta jirċievi bil-miktub mill-awtorita' konċernata.

16. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dan għandu bżonn jinvesti f' 6 barriers u 10 no parking signs biex jintużaw meta l-Kunsill ikollu bżonnhom. Il-Kunsill qabel ma dan.

17. Is-Sindku qal li hu ġie avviċinat mill-Parroċċa Ta' Sannat biex il-Kunsill jhejji posters għall-kampanja flimkien mall-istess parroċċa għal għoti ta' 125 borża demm mir-residenti Ta' Sannat fl-okkażjoni tal-125 sena minn meta ġiet l-istatwa tal-Patruna Santa Margerita V.M. Il-Kunsill qabel ma dan il-ġest nobbli.

18. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bieraħ il-Ħadd 14 ta' Frar 2016 fuq TVM sar programm fuq Għawdex Illum kollhu kemm hu fuq il-pompa tal-ilma li fl-imgħoddi kienet taħdem fil-wied ta' Mġarr ix-Xini, ġojjel f'dan il-wied. Fejn tkellmu fuq dan il-programm is-Sindku, l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri, il-Project Manager Emmanuel Terribile u l-Arkeoloġista George Azzopardi.

19. Is-Sindku qal li hu ġie avviċinat mis-Sinjura Azzopardi biex il-Kunsill jgħin f'għeluq il-100 sena tas-Sur Salvu Mercieca anzjan mir-raħal biex flimkien mall-parroċċa issir ċelebrazzjoni għal din l-okkażjoni nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016. Il-Kunsill qabel ma dan.

20. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill b'permezz ta' imejl li ntbgħatu minn qabel din il-laqgħa dwar MEMO's mid-DLG, li dawn huma:
MEMO 04/2016 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2016-17
MEMO 05/2016 Depożitu jew użu ta' Krejn jew Makkinarju ieħor
MEMO 06/2016 Ħinijiet tal-Ġbir ta' Skart Domestiku mill-Kunsilli Lokali

## 8. Ilmenti u suġġerimenti

1. Is-Sur Claudio Cauchi qed jitlob li ssir Stop Sign fl-art u oħra fuq pole biex minn ikun nieżel minn naħa tal-ex Arċipriet fi Triq Dun Xand Aquilina fejn ta' Dwardu Butcher Shop jieqaf peress li kif inhi llum hi perikoluża. Il-Kunsill għandu jieħu parir mingħand Transport Malta dwar din it-talba.

2. Is-Sur Anthony Curmi ta' St Margaret, Triq Ta' Ċenċ qed jitlob li jsiru double yellow lines quddiem ir-residenza tiegħu wara li ssir it-triq bit-tarmak. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

3. Is-Sinjura Margaret Hili ta' Ta' Ċenċ Discount Store, Triq Ta' Ċenċ qed titlob li ssir loading and unloading bay quddiem il-ħanut tagħha wara li ssir it-triq bit-tarmak. Il-Kunsill għandu jieħu parir mingħand Transport Malta dwar din it-talba.

4. Is-Sindku qal li ġie avviċinat mir-residenti ta' Plot 15 u Plot 16 fi Triq it-Tilliera biex isiru bankini ġdoda u tnejn oħra quddiem djar 2 Hunting House u Plot 3 fi Triq Ras in-Newwiela ma dik li qed issir bħalissa fil-kantuniera.

5. Is-Sindku qal li hemm bżonn li titwessa l-bankina fil-bidu ta Triq Dun Luqa u li jsir it-traffic management minn Triq Ta' Ċenċ għal Triq Marsilja u Triq Dun Luqa issa wara li ssir it-triq bit-tarmak. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara jekk Transport Malta kienx ta l-permess għal dan it-Traffic Managment, jekk kien ta l-permess dan ix-xogħol għandu jsir. Il-Kunsill qabel ma dan.

6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex isir white line fi Triq ix-Xewkija minn fejn iċ-ċimiterju għal Ta' Sannat junction.

7. Il-Viċi Sindku responsabbli mill-Edukazzjoni preżentat fuq il-mejda tal-Kunsill parti mill-gazzetta L-Orizzont paġna 2 ta nhar it-Tlieta 9 ta' Frar, 2016 b'artiklu "Jiżdied b'34% s-self ta' kotba mil-libreriji reġjonali f'Għawdex fejn jingħad li fil-lokalita' Ta' Sannat kien hemm tnaqqis ta' 13.1% minn dak tas-sena preċedenti. Hi nsistiet li dan

ma għandux isir u talbet lill-Kunsill biex jinvesti f'kotba ġodda u javża lir-residenti dwar is-servizz tal-librerija b'akwisti ta' kotba ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub biex jara jekk ħarġitx xi skema għal għajnuna f'xiri ta' kotba ġodda mid-DLG. Il-Kunsill qabel ma dan.

8. Il-Kunsilliera Cassar Sultana staqsiet meta ser jinqala' il-konkos li hemm fuq it-tarmak fi Triq Paranji. Is-Sindku qal li għandu jkellem il-Kuntattur li jgħamel il-bankini u lill-Pulizija biex dan jitneħħa.

9. Is-Sindku qal li għandu jintalab l-għajnuna tal-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-MGOZ biex jinbnew ħitan tas-sejjieħ mwaqqa fi Triq tal-Gruwa.

**7. Skeda tal-Pagamenti għall-ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskedi ta' pagamenti Nru. 2/2016, biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti.

**8. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 p.m., u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2016, fis-1.30 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**